



Brussell, 30 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13529/20

ECOFIN 1114
UEM 401
DEVGEN 180

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	30 ta' Novembru 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 13116/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-serġan mid-dejn internazzjonali b'mod partikolari għall-pajjiżi Afrikani – Konklużjonijiet tal-Kunsill approvati permezz ta' proċedura bil-miktub

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-serġan mid-dejn internazzjonali b'mod partikolari għall-pajjiżi Afrikani, kif approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub fit-30 ta' Novembru 2020.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar is-serħan mid-dejn internazzjonali b'mod partikolari għall-pajjiżi Afrikani

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JINNOTA l-pressjonijiet qawwijn fuq il-likwidità li jirriżultaw mill-kriżi tal-COVID-19 u ż-żieda sinifikanti fil-vulnerabbiltajiet tad-dejn f'pajjiżi bi dħul baxx, b'mod partikolari fl-Afrika, u f'dan ir-rigward JAPPOĠĠA approċċ internazzjonali koordinat dwar l-isforzi ta' serħan mid-dejn għall-pajjiżi Afrikani, fi ħdan l-oqfsa multilaterali rilevanti.

2. JILQA' l-progress dwar l-Inizjattiva dwar is-Sospensjoni tas-Servizz tad-Dejn (DSSI) tal-G20 u tal-Klabb ta' Pariġi u d-deċiżjoni reċenti tal-G20 li d-DSSI tiġi estiża b'sitt xhur, sat-30 ta' Ġunju 2021, u li sa żmien il-Laqgħat tar-Rebbiegħa tal-FMI/WBG tal-2021 jiġi eżaminat jekk is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja teħtieġ li d-DSSI tiġi estiża ulterjorment b'sitt xhur oħra.

3. JIMPENJA RUĦU għal implimentazzjoni sħiħa u trasparenti tal-Inizjattiva dwar is-Sospensjoni tas-Servizz tad-Dejn (DSSI) tal-G20 u tal-Klabb ta' Pariġi, li kienet fundamentali fl-appoġġ għall-pajjiżi li talbu l-parteċipazzjoni billi l-liberaw spazju fiskali biex jiffinanzjaw miżuri soċjali, tas-saħħa u ekonomiċi biex jirrispondu għall-pandemija, u biex ikomplu jikkoordinaw mill-qrib l-implimentazzjoni fi ħdan il-G20 biex jipprovdu appoġġ massimu lill-pajjiżi eliġibbli għad-DSSI. JISSOTTOLINJA l-hteġġa li l-istituzzjonijiet mutwanti kollha li jaġixxu f'isem il-membri tal-G20 jimplimentaw bis-sħiħ id-DSSI b'mod trasparenti.

4. JIRRIKONOXXI li għal pajjiżi b'livelli ta' dejn mhux sostenibbli jistgħu jkunu meħtieġa trattamenti tad-dejn lil hinn mid-DSSI. Fl-interess kemm tal-mutwatarji kif ukoll tal-mutwanti, ir-ristrutturar tad-dejn jenħtieġ li jiġi nnegożjat fejn meħtieġ, skont il-każ, permezz ta' approċċ multilaterali u koordinat flimkien mal-FMI/Bank Dinji u l-Klabb ta' Pariġi u li jiżgura l-parteċipazzjoni tas-settur privat. It-trattamenti tad-dejn għandhom ikunu kontinġenti fuq kundizzjonalità b'saħħitha fuq il-ġestjoni finanzjarja pubblika, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi fil-kuntest ta' programm tal-FMI. JILQA' l-ftehim tal-G20 dwar "Qafas Komuni għat-Trattament tad-Dejn lil hinn mid-DSSI", li huwa maqbul ukoll mill-Klabb ta' Pariġi, bħala pass kbir' il quddiem fl-arkitettura internazzjonali tar-ristrutturar tad-dejn sovrani. Il-Qafas Komuni huwa strumentali biex jiżgura koordinazzjoni b'saħħitha tal-kredituri u jiffaċilita t-trattament tad-dejn f'waqt u ordnat għall-pajjiżi eliġibbli għad-DSSI, bil-parteċipazzjoni wiesgħa tal-kredituri inkluż is-settur privat abbażi ta' trattament komparabbli. Nappellaw lill-FMI biex iħejji analiżi tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-għażliet ta' finanzjament sostenibbli.

5. JENFASIZZA li t-trasparenza tad-dejn hija kruċjali għal valutazzjoni soda tas-sostenibbiltà tad-dejn, ir-responsabbiltà tal-gvern debitur, u biex tippermetti deċiżjonijiet infurmati għall-mutwatarji u l-kredituri fil-kuntest tal-isforzi ta' ħelsien mid-dejn u li għalhekk id-data kollha dwar id-dejn pubbliku għandha tiġi żvelata. JILQA' l-isforzi tal-FMI u tal-Bank Dinji dwar proċess ta' rikoneiljazzjoni tad-data dwar id-dejn biex jissaħħu l-kwalità u l-konsistenza tad-data dwar id-dejn u jitjieb l-iżvelar tad-dejn. JAPPOĠĠA l-isforzi internazzjonali mmirati lejn it-tisħiħ tat-trasparenza tad-dejn f'pajjiżi bi dħul baxx, inkluż l-aġġornament tal-approċċ fuq diversi binarji tal-IMF-Bank Dinji biex jgħin lill-pajjiżi jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet emerġenti tad-dejn, l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Operazzjonali tal-G20 għall-Finanzjament Sostenibbli, u l-implimentazzjoni tal-Prinċipji volontarji tal-IIF għat-Trasparenza tad-Dejn.